MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 343/2006

Kawza fil-lista:  27

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat prezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet hekk:

1. Illi hija zzewget lill-intimat C D fit-2 t a' Marzu 2004 fir-Registru taz-Zwieg, il-Belt Valletta (Dok JS1);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet ma kellhomx tfal;

3. Illi r-rikorrenti ikkontrattat dan iz-zwieg f' perjodu difficli ta' hajjitha;

4. Illi r-rikorrenti waslet hawn Malta mic-Cina f’ Jannar tas-sena elfejn u tlieta (2003) u kienet inghatat visa sabiex tkun tista’ tistudja hawn Malta ghal perjodu ta’ sena;

5. Illi meta din il-visa waslet biex tiskadi r-rikorrenti giet imbezzgha dwar is-sitwazzjoni taghha bhala persuna li kienet ser tkun tghix hawn Malta illegalment u din qabadha stat ta’ paniku ghax hasset li ma kellha ebda triq ohra ghajr li tirritorna lura lejn pajjizha;

6. Illi waqt li kienet qed tghix hawn Malta saret taf lill-intimat u dawn saru hbieb;

7. Illi biex jghin lir-rikorrenti fid-diffikolta li sabet ruhha fiha meta waslet biex tiskadilha l-visa, huma ddecidew li kellhom jizzewgu;

8. Illi ghalhekk il-partijiet izzewgu fit-2 ta’ Marzu 2004;

9. Illi r-rikorrenti u l-intimat qatt m’ ghexu flimkien bhala mara u ragel wara li kkontrattaw iz-zwieg u lanqas kkonsmaw iz-zwieg;

10. Illi r-rikorrenti rritornat lura lejn ic-Cina ftit wara z-zwieg fit-23 ta’ April 2004;

11. Illi, ghar-ragunijiet suesposti u kif ser jigi trattat waqt l-andament tal-kawza, z-zwieg bejn il-partijiet huwa null ai termini ta’ l-artikoli 19(1)(f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta u dan ghaliex il-kunsens tal-partijiet kien vizjat b’ eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu;

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

Tiddikjara illi z-zwieg celebrat bejn il-partijiet tat-2 ta’ Marzu 2004 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u taghti dawk il-provvedimenti l-ohra illi jkunu opportuni f’ dan ir-rigward;

Bl-ispejjez, kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat li l-intimat ammetta t-talba attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fit-2 ta' Marzu 2004 huwa null fil-ligi stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Illi minn naha tieghu l-konvenut fid-deposizjoni tieghu qabel ma' l-esposizzjoni tal-fatti kontenuta fir-rikors attrici.

Mill-provi jirrizulta li fit-2 ta' Marzu 2004 l-attrici, ta' nazzjonalita' Ciniza, izzewwget lill-konvenut, ta' nazzjonalita' Maltija, wara li kienu ilhom jafu lil xulxin ftit xhur. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal.

Jirrizulta pacifiku li r-rikorrenti kienet waslet Malta mic-Cina f' Jannar tas-sena 2003 u kienet inghatat visa ta' sena biex tistudja hawn Malta ghal perijodu ta' sena. Meta beda javvicina t-tmien ta' dan il-perijodu u ghalhekk kienet ser tiskadi l-visa, l-attrici zzewget lill-konvenut bl-iskop <u>uniku</u> li tkun tista' tibqa' Malta. Iz-zewg partijiet kategorikament affermaw li huma dahhlu f' dan iz-zwieg unikament ghall-konvenjenza ta' l-attrici, u qatt ma kellhom l-intenzjoni li jghixu l-hajja mizzewwga flimkien. Di fatti huma t-tnejn jasserixxu li qatt ma ghexu flimkien, u qatt ma kellhom x' jaqsmu flimkien u ghalhekk z-zwieg baqa' mhux kkonsumat.

Illi l-Qorti tosserva li f' dan il-kaz jikkonfigura l-*caput nullitatis* kontemplat fl-artikolu precitat stante li rrizulta manifestament li, ghalkemm il-partijiet esternament u unikament ghal konvenjenza ta' l-attrici ghaddew minn

ceremonja ta' zwieg, huma, internament u b' att pozittiv tal-volonta' taghhom, eskludew, mhux biss obbligazzjonijiet matrimonjali essenzjali ghal hajja taz-zwieg, izda sahansitra eskludew iz-zwieg innifsu.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha, fit-termini tal-paragrafu [f] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fit-2 ta' Marzu 2004. L-ispejjez jigu sopportati konguntivament bejn il-partijiet fi kwoti ugwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------